MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 858/1997/1

**Maresco (Trading) Limited**

**Vs**

**Martin Camilleri f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta 3 You Design**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm1,150 rapprezentanti prezz ta' *airconditioning units* mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti u installati fuq ordni tal-konvenuti

f'Roberts Pharmacy, Tower Road, Sliema, Vannessa Guest House, Ross Street, St. Julians, u ghand Charles Vassallo, Furniture Showroom, Gudja;

Premess illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluzi permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Awissu 1996, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma' l-att tac-citazzjoni affidavit immarkat bhala Dok. A;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti b'dispensa ta' smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' Lm1,150 rapprezentanti prezz ta' *airconditioning units* mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenuti u installati fuq ordni tal-konvenuti f'Roberts Pharmacy, Tower Road, Sliema, Vannessa Guest House, Ross Street, St. Julians, u ghand Charles Vassallo, Furniture Showroom, Gudja;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-iyyts uggivjsli datata 27 ta' Awissu 1996, imghax ta' Lm244 mid-data tal-konsenja tat-23 ta' Lulju 1996 u bl-imghax legali ulterjuri sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha ta' l-24 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat din in-nota ta' l-eccezzjonijiet illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici kellhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi l-ammont kif mitlub mis-socjeta` attrici ta' elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150) ma kienux dovuti kollha izda biss sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650);

2. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ma kienx dovut kollu peress illi l-konvenut li kien jahdem fuq bazi ta' *commission* mas-socjeta` attrici kien ipaci ammonti dovuti lilu bhala *commission* wara li kien jghaddi xoghol lis-socjeta` attrici;

3. Illi l-ammont mitlub mhux dovut fl-intier tieghu peress li s-socjeta` attrici naqset li tpaci mill-ammont pretiz *commission* dovuta lill-konvenut in konnessjoni ma' *airconditioning units* li nbieghu bis-sahha tal-konvenut, mis-socjeta` attrici lil lukanda "Traveller's Lodge" gewwa San Pawl il-Bahar;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota ta' osservazzjonjiet ipprezentata mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' Lm1150

bhala bilanc ta' prezz ta' *airconditioners* illi s-socjeta` attrici kienet forniet;

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ghalkemm qabel li huwa kien debitur tas-socjeta` attrici, cahad illi huwa kellu jaghti l-ammont mitlub izda biss kien fadallu jaghtiha s-somma ta' Lm650 u din ir-riduzzjoni huwa kkontendiha peress illi s-socjeta` attrici kellha thallsu Lm500 bhala kummissjoni ghal kuntratt illi kien gie mghoddi minnu stess lis-socjeta` attrici;

Illi rrizulta li l-konvenut jahdem bhala designer freelance u jigi inkarigat minn individwi jew socjetajiet illi jkunu jridu jaghmlu xi xoghol fil-proprjeta` taghhom; jirrizulta illi fl-esekuzzjoni ta' dan l-inkarigu huwa kien ukoll jissuggerixxi lill-klijenti tieghu minn min ghandhom jakkwistaw xi prodotti li jkunu mehtiega fl-esekuzzjoni tax-xoghol in kwistjoni;

Illi in segwitu ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri hallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm650 waqt li halla pendenti l-ammont li huwa kien qieghed jikkontesta mit-talba originali tas-socjeta` attrici;

Illi minn naha taghha s-socjeta` attrici tichad li hija ghandha thallas lill-konvenut dina s-somma ta' Lm500 minnu pretiza; irrizulta li dana l-ammont kien jirrigwarda kwantita` ta' *airconditioners* mibjugha mis-socjeta` attrici lill-lukanda Traveller's Lodge gewwa San Pawl il-Bahar u s-socjeta` attrici tinsisti illi dina kienet operazzjoni ghal kollox separata u fuqha ma kellhom ihallsu xejn lill-konvenut;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti hlief ghall-identifikazzjoni ta' l-ammonti involuti; dan ifisser illi xi parti mhix qed tghid il-verita` anzi qeghda tghid kelma b'ohra;

Illi l-ewwel punt li jrid jigi indirizzat huwa jekk il-bejgh ta' l-*airconditioning units* lil Traveller's Lodge kienetx

operazzjoni separata jew kienetx tifforma parti mir-relazzjoni kummercjali ta' bejn il-kontendenti. Illi rrizulta anki minn kliem l-istess Raymond Galea ghas-socjeta` attrici illi tul perjodu ta' ftit snin il-konvenut kien ressaq madwar sitt operazzjonijiet lis-socjeta` attrici fl-ambitu tax-xoghol tieghu kif diga` spjegat aktar 'il fuq; b'dana kollu l-imsemmi Raymond Galea jinsisti illi l-operazzjoni ta' Traveller's Lodge kienet operazzjoni ghal kollox separata minn dina r-relazzjoni;

Illi l-Qorti kkonsidrat in-natura tax-xoghol tal-konvenut kif minnu spjegat u kkonsidrat li din in-natura ta' xoghol kienet maghrufa sewwa mis-socjeta` attrici u mic-cirkostanzi rizultanti ma tistax tifhem ghaliex l-operazzjoni ta' Traveller's Lodge kienet xi haga li ghandha tigi konsiderata separata mir-relazzjoni kummercjali ta' bejn il-kontendenti. Il-Qorti hi tal-fehma li anki din l-operazzjoni ta' Traveller's Lodge ma kienet xejn hlief parti mix-xoghol tal-konvenut u kienet biss wahda mill-operazzjonijiet kummercjali bejn il-kontendenti;

Illi kif gja inghad ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammonti indikati mis-socjeta` attrici u ghalhekk il-punt ewlieni li jrid jigi ezaminat huwa dwar minn kien qieghed jghid il-verita` anki peress li ma kien sar ebda ftehim bil-miktub, kif del resto anqas irrizulta li kien hemm fl-operazzjonijiet antecedenti; is-socjeta` attrici minn naha taghha tghid illi ma ghandha thallas xejn lill-konvenut, waqt li l-konvenut jikkontendi illi hu ghandu jiehu l-ammont ta' Lm500 li fuqu kienu ftehmu;

Illi huwa importanti li anki l-istess Raymond Galea qabel li l-konvenut kien ghal diversi drabi jissuggerixxi lill-klijenti tieghu biex jixtru minghand is-socjeta` attrici. Dan ix-xhud stqarr li "meta xi drabi minn zmien ghal zmien kien igib xoghol ghall-kumpanija, konna niftehm minn qabel fuq xi discounts li konna naghtuh fuq dak ix-xoghol partikolari. Imbaghad x'kien jaghmel bid-discounts, jekk kienx jghaddiha lill-klijent tieghu jew le, dik ma nistax nghidu jien. Nghid zgur pero` li ma konna ntuh l-ebda tip ta' commission ghajr dan id-discount";

Illi minn naha tieghu l-konvenut stqarr li peress li l-kuntratt ta' Traveller's Lodge kien kbir huwa ma riedx jerfa' r-responsabilita` ghall-hlas tieghu; pero` x-xoghol tieghu kien simili ghal dak li kien jaghmel f'operazzjonijiet precedenti; kien issuggerixxa lil Vella ta' Traveller's Lodge biex jakkwista s-sistema ta' l-*airconditioning* minghand is-socjeta` attrici; huwa tassew sinifikattiv il-fatt illi wara li l-partijiet flimkien marru fuq il-post ta` din il-lukanda u ezaminaw il-htigijiet taghha, is-socjeta` attrici harget stima tax-xoghlijiet kollha li kienu mehtiega u dina l-istima ma harguhiex f'isem Vella ta' Traveller's Lodge imma proprju f'isem il-konvenut u dan ma jhalli ebda forma ta' dubju li sa dak il-mument is-socjeta` attrici kienet qed tirrikonoxxi l-intervent kummercjali tal-konvenut;

Illi ghalhekk il-Qorti ma tara xejn kredibbli l-versjoni moghtija mill-imsemmi Raymond Galea meta qal li kulma ghamlu kien li marru fuq il-post u bieghu Lm45000 lil Mario Vella; dan ix-xhud insista li l-konvenut "qatt ma semmieli la discount u wisq anqas commission u fil-fatt il-prezz li kkwotajna direttament lil ta' Traveller's Lodge ma kien jinkludi l-ebda ammont mizjud.  Ahna thallasna biss tax-xoghol taghna u xejn aktar.  Martin Camilleri kien jaf li jiena ser nikkwota l-prezz lil Vella ghax ftehmna ghal appuntament iehor quddiemu stess ghal dan l-iskop", dina proprja tmur diametrikalment oppost ma' l-istima mahruga mis-socjeta` attrici illi kuntrarju ghal dak li qieghed jipprova jghid Galea l-istima ma nharitx favur Vella imma espressament f'isem Martin Camilleri u s-socjeta` tieghu; infatti mid-dokument esebit ma' dawna l-atti jirrizulta li s-socjeta` attrici harget proprju "quotation" ghax-xoghol in kwistjoni lil "Mr. Martin Camilleri, 3-You Design".  Biex din ir-relazzjoni tkompli tigi konfermata fl-istess quotation insibu r-ringrazzjament tas-socjeta` attrici lill-konvenut "for having consulted us";

Illi Galea jinsisti illi Camilleri ma talbux u ma semmielux l-*commission* jew *discount* pero` l-Qorti, kif diga` intqal, fehmet ir-relazzjoni antecedenti ta' bejn il-kontendenti u wkoll ikkonsidrat l-intervent tal-konvenut illi ma kien xejn differenti minn dawk ta' qabel u li del resto hi proprju l-attivita` illi bniedem bin-negozju tal-konvenut jimxi regolari

kif huwa risaput fin-negozju tal-bini; ma tistax tifhem kien is-socjeta` attrici tippretendi li l-konvenut kien qed jaghmel dak li ghamel gratuwitament; f'dan ic-cirkostanzi l-konvenut kien ikun kieku kellu forma ta' negozju filantropiku;

Illi l-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut li dwar il-kumpens huwa kien accetta li jircievi s-somma ta' Lm500 biss u mhux naturalment percentwal fuq il-valur tal-kuntratt; infatti s-somma ta' Lm500 bil-kemm tlahhaq wiehed fil-mija ta' l-imsemmi valur;

Illi ma jistax ma jigix sottolineat ukoll dak li gja gie kkwotat li xehed l-istess Galea meta huwa qal illi fl-operazzjonijiet precedenti l-konvenut kien itih *discount* ghalkemm ma kienx itih *commission*; il-Qorti ma tara l-ebda differenza peress illi meta ttih *discount* il-konvenut ikun izjed fil-liberta illi jaghmel l-aggustamenti tieghu mehtiega skond l-operazzjoni fit-totalita` taghha, waqt li kieku jtuh *commission* l-ammont kien ikun specifikat - pero` f'kull kaz is-socjeta` attrici kienet qed taqta' parti mill-prezz taghha jew bhala *discount* jew bhala *commission*.  Galea ma jispjegax x'tip ta' *discount* sar f'dan in-negozju anzi jikkonferma li huma hadu l-prezz kollu minghand Vella minghajr ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex il-konvenut kellu jaghmel ix-xoghol tieghu minghajr hlas waqt illi f'operazzjonijiet ohra huwa kien jircievi kumpens;

Illi ghalhekk f'dawn il-proceduri l-Qorti tifhem li l-konvenut kien gustifikat li l-konvenut inaqqas l-ammont miftiehem ta' Lm500 li kien lilu dovut mis-socjeta` attrici u dan bhala tpacija u in forza tad-disposizzjonijiet tal-ligi rigwardanti din il-materja;

Illi pero` irrizulta wkoll illi meta giet intavolata c-citazzjoni huwa kien debitur tas-socjeta` attrici f'ammont akbar minn dak illi huwa seta' jikkontendi li ghandu jircevi u ghalkemm huwa hallas il-pagament fil-mori ta' din il-kawza il-Qorti sejra taghmel temperament fl-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fid-dawl tal-fatt li l-konvenut hallas fil-mori tal-kawza s-somma ta' sitt mija u hamsin lira (Lm650), tichad t-talba attrici.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------